MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 356/2009/1

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Charles Magri (K.I. Numru 76669M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-10 ta' Gunju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tliet elef mija sitta u sebghin ewro u tliet centezmi (€3,176.03) rapprezentanti debitu fil-loan account tal-konvenut Charles Magri mall-Bank of Valleta plc skont dokument anness mat-talba mmarkat bhala Dok A, flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-10 ta' April 2009 sal-jum*

*tal-pagament effettiv bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' April, 2007 (Dok B).*

*Illi nterpellat sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, l-konvenut baqa,' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.*

*Illi s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skont il-ligi, anness mat-talba mmarkat Dok C.*

*Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok qatt ma gie pattwit ftehim biex isir loan account bejn il-partijiet stante li l-konvenut qatt ma talab jew ottjena self minghand is-socjeta' attrici, fit-tieni lok ghaliex xejn m'huwa dovut mill-konvenut.*

*Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.*

*Sema' u ra x-xhieda tal-Prokuratur Legali Francesca Scerri, Ronald Dalli, Norbert Galdes u Charles Magri.*

*Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal bilanc ta' debitu f'loan account f'isem il-konvenut mas-socjeta' attrici flimkien ma' l-imghax, liema talba hija kontestata fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma kien hemm ftehim ghal loan account u in oltre m'hemm l-ebda ammont dovut.*

*Mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici Renald Dalli, li jahdem bhala relationship officer fir-recovery unit tas-socjeta' attrici rrizulta li f'Settembru 2006, s-socjeta' attrici ghalqet il-kont tal-VISA Card u l-Master Card tal-konvenut u dan ghaliex il-bilanc ta' kull xahar ma kienx qieghed jithallas. Illi hija prassi tal-bank meta jkun hemm bilanc pendenti fuq credit cards li dawn cards jinghalqu, tinhareg sanction letter fejn il-klijent jigi nfurmat illi l-card qieghda tinghalaq u li minnufih id-debitu ghandu jigi mhallas u li awtomatikament dak id-debitu jsir loan mal-*

*bank fl-ammont skont il-bilanc. Ir-rapprezentant tas-socjeta'*
*attrici spjega kif f'Awwissu 2005 l-konvenut kien kiteb lil bank fejn spjega li huwa pprova jippreleva xi flus minn magna ta' l-ATM f'Catania gewwa Sqallija, fl-Italja u l-magna ta' l-ATM ma taghtux flus. Illi fil-bidu l-bank ikkredita lil klijent bl-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) kif mitlub minnu. Gara li wara li l-bank kien ircieva din l-ittra u informa lil bank fi Sqallija, gew informati mill-bank ta' Sqallija li l-magna tal-ATM kienet hadmet u li l-flus gew prelevati. Il-konvenut gie nfurmat mill-bank b'din l-informazzjoni u ddebitaw il-kont tal-klijent. Illi rrizulta li saru zewg transazzjonijiet fl-ammont ta' tmien mitt ewro (€800) u sitt mitt ewro (€600) rispettivament fuq il-BOV Master Card Number – 5420 7110 0526 8001, fis-27 ta' Mejju 2005 f'temp ta' zewg minuti. Sussegwentement il-konvenut kien mela l-formola u indirizzaha lil Consumer Complaints Office tal-MFSA fit-22 ta' Ottubru, 2005 fejn spjega dan il-kaz, u wara Frar 2006 rrizulta li l-MFSA kienet qalet lil bank illi kellhu jirrifondi dawn il-flus.*

*Norbert Galdes li jahdem bhala risk and compliance manager mas-socjeta' attrici xehed illi fir-rigward tal-'VISA Card' ma kienx hemm problemi izda l-problemi kienu jirrigwardaw il-'Master Card'. Intqal mis-socjeta' attrici li l-informazzjoni dwar it-transazzjoni fi Sqallija kienet inghatat lil bank a tempo debito mis-sede ta' 'Master Card International' li tiehu hsieb it-transazzjonijiet internazzjonali u mhux direttament mill-bank fi Sqallija. Intqal ukoll illi f'dawn il-kazijiet, il-banek jibqghu fuq l-informazzjoni li tkun inghatat lilhom mis-sede tal-credit card u s-socjeta' attrici ma jkolliex link diretta mal-bank partikolari fejn tkun saret l-allegata transazzjoni. Intqal ukoll illi jekk kemm-il darba jkun hemm insistenza ta' investigazzjoni l-komunikazzjoni imbaghad issir direttament mal-bank Taljan, kif fil-fatt sar. Qal illi wara li huma kienu gew infurmati mill-'Master Card International' li l-utent irceva l-flus, huma kitbu lil bank Taljan. Illi sa dak inhar tax-xhieda u cioe' sal-20 ta' April 2010 s-socjeta' attrici ma kinetx ghadha rceviet l-ebda risposta dwar talba ghal cctv footage mill-bank Taljan. Intqal mix-xhud illi bejn il-banek tezisti l-buona fede u l-banek m'humiex obligati li*

*jwiegbu certi ittri u domandi mibghuta lilhom u ghaldaqstant joqghodu fuq l-informazzjoni li jkun inghata lilhom sa dak il-mument. Gew ezebiti dokumenti li jindikaw illi t-transazzjonijiet saru u bil-hinijiet tat-transazzjonijiet. Ghalhekk, ghas-socjeta' attrici din kienet konferma li t-transazzjoni sehhet u l-klijent kien ha l-flus. Gie spjegat ukoll illi l-klijent kif appena jikteb ittra jigi emnut u ghalhekk l-kont tieghu jigi kreditat kif fil-fatt gara. Izda wara li l-bank jissokta bl-indagini dwar l-allegat nuqqas u jidhirlu li t-transazzjoni kienet sehhet u ghalkemm il-klijent ikun ha l-flus, il-bank ghandu s-setgha li jirriversja l-ammont bhala debit fl-istess kont u ghaldaqstant, id-decizjoni li tkun ittiehdet precedentement tigi riversjata. Fil-fatt hekk gara u sussegwentement minhabba li l-klijent irrifjuta li jhallas ghaliex baqa' jsostni li ma kienx ha l-flus, dak il-kont gie mibdul ghal loan account. Irrizulta konfermat illi l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet biss fuq il-kont pendenti fuq il-'Master Credit Card' izda mhux dwar il-'VISA Credit Card' fejn kien hemm ukoll xi kont pendenti. Izda wara xi zmien il-bank iddecieda li z-zewg debiti fuq iz-zewg cards jigu konsolidati f'kont wiehed. Fit-tieni darba li kien xehed Norbert Galdes ghas-socjeta' attrici qal illi huma kienu regghu ddebitaw lil klijent ghaliex meta ghamlu l-ewwel representment tal-kaz mall-bank Taljan, intqal lilhom illi t-transazzjoni irrizultat u li l-flus ittiehdu. Intqal ukolli illi l-electronic authorisations, ezebiti bejn fol. 93 sa fol. 100, huma mahruga mill-bank Taljan li jopera l-magna tal-ATM fi Sqallija. Illi dawn id-dokumenti ikunu nharrgu mid-database tal-bank li jindikaw l-awtorizazzjoni ghat-transazzjoni fil-magna tal-ATM mertu tal-kawza. Galdes spjega wkoll permezz tad-dokument NG10, ezebit a fol 10, kif huwa bhala bank ikun ircieva rikjesta minn naha tal-ATM machine fi Sqallija minn fuq in-network tal-'Master Card' u li l-istess transazzjoni giet approvata. Gew ezebiti l-electronic authorisation records, a fol 93 sa fol 100, u li gew mahruga mis-sistema interna tal-bank lokali. Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienux talbu reconciliation tal-flus transatti dakinhar mill-magna tal-ATM, ir-rapprezentant tal-bank ma wegibx ghal din id-domanda izda baqa' jsostni li l-flus ikunu nghataw lil klijent.*

*Illi mill-provi tal-konvenut sema' li huwa kien ilu klijent tas-socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena u lanqas qatt ma kellu problema wahda ma' dan il-bank dwar credit cards. Illi huwa kien jinnegozja barra minn Malta permezz tal-'Master Card' u tal-'Visa Card' regolarment ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Spjega kif huwa kien ta' spiss isiefer fuq xoghol u l-credit cards kien juzahom ta' spiss. Spjega kif meta huwa kien ipprova jippreleva l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800) mill-magna tal-ATM fi Sqallija, dan l-ammont m'inghatax lilu mill-magna u m'nghatax l-ebda ricevuta. F'temp ta' minuta ipprova jerga' johrog ammont iehor f'somma izghar, fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) u l-magna immarkat li kien hemm system error u telaq 'l hemm. Huwa stqarr illi din kienet l-ewwel darba li pprova juza l-'Master Card' fl-Italja. Qal li konsegwenza ta' din it-transazzjoni li falliet, lis-supplier tieghu huwa dak inhar ma setghax ihallsu ghaliex ma kellux flus. Illi z-zewg tentattivi ta' prelevazzjonijiet kienu saru fuq il-Master Card li kif diga' ntqal, il-konvenut kien qieghed juza l-Master Card' ghall-ewwel darba. Illi ghalkemm huwa kellu fakolta' ta' 'Visa Credit Card' kif ra li l-magna kienet qed tindika hsara ma riedx juza l-'VISA Credit Card' fuq l-istess ATM ghaliex beza' li l-magna tehodlu l-card. Illi sussegwentement wara li rritorna Malta huwa rcieva l-istatement regolari ta' kull xahar u ra li l-kont tieghu gie addebitat fl-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) ghal zewg prelevamenti ta' sitt mitt ewro (€600) u tmien mitt ewro (€800). Huwa fil-pront kiteb lil bank bl-ilment tieghu u spjega l-fatti kif zvolgew. Spjega kif wara din it-transazzjoni li falliet kien mar f'magna tal-ATM ohra u ppreleva hames mitt ewro (€500) fuq il-'VISA Card' u t-transazzjoni kienet successful. Id-data ta' din it-transazzjoni ma ssemmietx.*

*Wara li t-Tribunal studja bir-reqqa n-noti ta' sottomssijonijiet tal-partijiet u ra bir-reqqa x-xhieda kollha jirrizultalu li fil-fehma tieghu li skont ix-xhieda dokumentali pprezentata mis-socjeta' attrici tindika li l-konvenut kien ippreleva €800 u €600 f'temp ta' zewg minuti fis-27 ta' Lulju, 2005 fuq il-'Master Card' u li t-transazzjonijiet kienu successful. Izda mix-xhieda tal-konvenut stqarr li l-magna qatt ma harget dawn il-flus u ghaldaqstant ma rrizulta ebda prelevar minn naha tieghu. Huwa qal illi f'dik l-*

*istanza kien ircieva messagg fuq lis-screen tal-magna tal-ATM fejn gie nfurmat li kien hemm system error u ghaldaqstant ma hassux komdu li juza l-'Visa Credit Card', li kellu oltre l-'Master Card'. Qal ukoll illi sussegwentement mar juza l-VISA Card f'magna tal-ATM ohra u t-transazzjoni kienet successful. It-Tribunal jirrilleva li dwar dan ra li t-transazzjoni bil-'Master Card' gewwa Catania kienet saret fis-27 ta' Lulju, 2005 (Dok X3, a fol 41) izda t-transazzjoni sussegwenti bil-VISA Card kienet saret hmistax-il gurnata wara fil-11 ta' Awwissu 2005. Illi ma jirrizultax lit-Tribunal illi kienet saret xi transazzjoni ohra fuq il-'VISA Credit Card' bejn is-27 ta' Lulju 2005 u l-11 ta' Awwissu 2005.*

*Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li rigward l-ammont dovut mill-konvenut fuq it-transazzjoni tal-'VISA Credit Card', jidhirlu li dan l-ammont ma kienx fuori terminu tal-hlas skont lis-statement mahrug mis-socjeta' attrici. Illi jekk kemm-il darba l-bank ikkonverta dan id-debitu fuq loan account il-bank ghamel dan in kawtela tad-drittijiet tieghu fuq id-debitu globali. Illi l-kwistjoni f'din il-kawza hija jekk jezistix debitu da parti tal-konvenut. Illi jirrizulta car li l-konvenut ma kienx qieghed jikkontesta li kien hemm ammont dovut minnu bhala bilanc mill- 'VISA Credit Card' u ma jidhirlux illi l-gustifikazzjoni tal-konvenut ghaliex ma kienx hallas dan id-debitu ghandu jigi skartat mit-Tribunal. Illi l-bank f'din ic-cirkostanza uza s-sahha tieghu fuq il-klijent minghajr ma tah ebda cans sabiex ihallas dan iddebitu indipendentement mid-debitu li dwaru kien hemm kontestazzjoni qawwija mill-konvenut. Ili t-Tribunal jirrileva li l-klijent thalla juza l-'VISA Card' 'l fuq minn sena mill-incident tal-'Master Card' u huwa kien ihallas l-istatements regolarment. Izda jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta' attrici li fit-22 ta' Settembru, 2006 is-socjeta' attrici ddecidiet twaqqaf kemm il-'Master Card' li dwaru kien hemm kontestazzjoni kif ukoll il-'VISA Card' li dwarha ma kien hemm l-ebda ilment ta' nuqqas ta' hlas minnha.*

*Illi rigward id-debitu dovut fuq it-transazzjoni bil-'Master Credit Card' fuq il-magna tal-ATM, gewwa Catania, fi Sqallija, Italja t-Tribunal jidhirlu li l-investigazzjoni minn naha tas-socjeta attrici fuq l-ilment tal-klijent taghha hija*

*pjuttost dghajfa. Illi hija l-fehma tat-Tribunal li l-konvenut kien ilu klijent tas-socjeta' attrici ghal sbatax-il sena u ma rrizultax mill-provi li qatt kellu problemi ma' dan il-bank. Illi hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li r-relazzjoni bankarja ta' sbatax-il sena tirrikjeda li l-bank kellu juri iktar fiducja u lejalta' lejn il-klijent u jinvestiga l-kaz fid-dettall. Intqal mis-socjeta' attrici li cctv footage ta' camera' kien juri biss il-wicc u t-torso tal-klijent, izda t-Tribunal m'huwiex sodisfatt minn din ir-risposta. Illi t-Tribunal jidhirlu li jekk l-bank jircevi lment serju minn klijent regolari li qatt ma kellu problemi mieghu, l-bank ghandu jifli l-kaz tieghu b'lenti iktar wiesgha. Illi t-Tribunal ma jidhirlux illi negozjant bhalma huwa l-konvenut kellu xi raguni ghaliex ma jghidx il-verita'. Illi l-verzjoni tieghu baqghet konsistenti sa mill-bidu meta gara l-kaz u rcieva lis-statement u sahansitra mar jikkompljenja mall-MFSA, li bhala Awtorita' kienet issuggerit lil bank sabiex ihallas lil klijent. Izda minkejja l-konsistenza tal-klijent rigward din it-transazzjoni, t-Tribunal ra li x-xhieda tal-konvenut dwar it-transazzjoni ta' hames mitt ewro (€500) fuq il-'VISA Credit Card' ma kienetx cara. Illi mill-provi din it-transazzjoni ma rrizultax illi saret ghal habta tas-27 ta' Lulju 2005 (id-data tattransazzjonijiet allegatament falluti bil-Master Card) izda saret hmistax wara fil-11 ta' Awwissu 2005. Illi wara dik it-transazzjoni jidhirlu mill-provi ezebiti li l-konvenut kien hallas dan l-ammont u kien baqgha juza l-'VISA Card' regolarment sat-22 ta' Settembru 2006 meta waqfulu l-uzu tal-'VISA Card' minhabba t-tilwima li kien hemm mall-konvenut fuq il-'Master Card'.*

*Illi skont il-konvenut huwa ma hallasx l-ammont ta' elf seba' mija u sitta u sebghin ewro u tliet centezmi (€1776.03) dovuti fuq il- 'VISA Credit Card' ghaliex din is-somma giet konsolidtata mad-debitu tal-Master Card u huwa ma setax ihallas l-ammont tal-'VISA Card' wahdu ghaliex il-bank ma kienx ha jaccetta hlas tal-kont pendent fuq il-'Visa Card'. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut ammetta li dan l-ammont wahdu huwa dovut minnu u li lest li jhallsu.*

*Illi huwa minnu li skont kif imsemmi fin-nota ta' sottomisjonijiet tal-abbli difensur tas-socjeta' attrici li l-*

*bank ghandu r-responsabilita' li ma jhallix jinholoq instabbilita` finanzjarjja internazzjonali. Izda wara li sema' l-provi kollha li tressqu quddiemu, t-Tribunal ma jidhirlux illi l-bank kien ghamel investigazzjoni xierqa fuq dan il-kaz u qaghad biss fuq id-dokumentazzjoni lilu provduta mill-bank Taljan.*

*Illi jidhirlu li klijent sodisfacenti jixraqlu li jinghata iktar kredibilita. Illi hija l-fehma tat-Tribunal li magna elettronika m'hijiex infallibli u gieli graw kazijiet simili bhal fil-kaz tal-konvenut. Illi filwaqt illi t-Tribunal jifhem illi bank ma jistax jammetti zball simili ghaliex tinholoq instabbilita' finanzjarja ghal banek, ma jidhirlux illi fil-kaz in ezami saret investigazzjoni xierqa.*

*Illi ghalkemm il-konvenut kien konsistenti fix-xhieda tieghu dwar l-incident, ihoss illi x-xhieda tieghu dwar il-preljev ta' flus fuq il-'VISA Credit Card' sgwidat lit-Tribunal ghaliex dan il-preljev ma kienx sar fl-istess gurnata izda rrizulta li kien sar gimaghtejn wara. Illi lit-Tribunal jirrizultalu li sussegwentement il-konvenut baqa' jinnegozja fi Sqallija u baqa' juza l-'VISA Credit Card' ghan-negozju fl-Italja f'Jannar 2006 meta ghamel preljev iehor fis-somma ta' tmien mitt ewro (€800), ammont li jirrizulta lit-Tribunal konsistenti mall-ammonti li kien jippreleva l-konvenut fil-passat.*

*Illi t-Tribunal ra li skont id-dokumenti kollha ezebiti mis-socjeta' attrici l-indikazzjonijiet huma li l-preljev fuq il-'Master Card' kien sehh. Izda minkejja d-dokumentazzjoni ezebita t-Tribunal jidhirlu li kien ikun ghaqli li kieku sar rapport dettaljat fuq il-magna allegatament diffettuza fi Sqallija. It-Tribunal, in konkluzjoni jemmen illi l-verzjoni tal-konvenut hija veritjera u illi ghal xi raguni l-magna tal-ATM, fis-27 ta' Lulju 2005, ma kinetx harrget il-flus ghalkemm irrizulta dokumentat elettronikament li fil-fatt il-flus kienu hargu mill-magna.*

*Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi malli l-bank ircieva l-informazzjoni mill-bank Taljan li l-prelevament kien sar ma ssoktax bl-indagini izda waqaf hemm. Illi inghad illi bejn il-banek hemm fiducja reciproka, izda t-Tribunal isaqsi*

*ghaliex m'ghandux ikun hemm fiducja reciproka fir-relazzjoni bejn bank u klijent ukoll partikolarment meta l-konvenut ma kienx klijent gdid izda klijent ta' sbatax-il sena? Illi prova serja kienet tkun il-footage ta' CCTV camera fuq il-post, u mhux kif intqal mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici illi l-camera kienet biss turi l-wicc u t-torso tal-klijent, ghaliex minn tali evidenza biss wiehed jista' jinnota il-body language tal-istess klijent. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi l-bank kellu jinsisti ghal provi iktar konkreti bhal CCTV footage u rapport tekniku fuq il-magna in kwistjoni ghal dik il-gurnata. Illi sahansitra qatt ma ntalbet prova ta' reconciliation report ghal flus li gew transatti minn dik il-magna mill-istess bank Taljan fis-27 ta' Mejju 2005 u lanqas ma ntalab rapport dwar jekk kienx hemm kazijiet simili li sehhew f'dik il-gurnata. Dawn huma erba' provi sostanzjali li ma ngabux mis-socjeta' attrici.*

*Tali provi setghu jitfghu dawl fuq il-kaz ghas-sodisfazzjon ta' kulhadd. Illi minkejja r-relazzjoni ta' fiducja bejn il-banek, bank m'ghandu qatt jinsa' l-lejalta' u fiducja tal-klijent u l-bank ghandu l-obbligu li jgib l-ahjar prova a sodisfazzjon tal-klijent. Hija l-fehma tat-Tribunal, illi klijent ta' sbatax-il sena kien jixraqlu investigazzjoni iktar serja.*

*Illi t-Tribunal jifhem illi magna elettronika bhalma hija magna tal-ATM m'hijiex infallibli u facilment jista' jkollha xi problemi. It-Tribunal jidhirlu li meta l-konvenut ghamel l-ewwel tentattiv ghal preljev ta' €800 u dan falla, fil-pront ghamel tenattiv iehor ghal preljev f'ammont iktar baxx ta' €600. Hija rejazzjoni pjuttost naturali fic-cirkostanzi li meta l-ewwel preljev ifalli, l-utent jipprova preljev iehor f'ammont izghar ghaliex jidhol dejjem id-dubju li l-magna ma setghetx taghti somma akbar.*

*Rigward il-bilanc fuq il-'Visa Card' jirrizulta li d-debitu ta' €1,776.03 fuq il-'VISA Credit Card' m'huwiex qieghed jigi kkontestat izda ma kienx gie mhallas ghaliex is-socjeta'attrici kienet konsolidat iz-zewg kontijiet ta' zewg credit cards differenti fuq kont wiehed, b'hekk id-debitu sar wiehed.*

*It-Tribunal ra li rigward il-kont tal-'VISA Card' dan gie konsolidat mall-kont tal-'Master Card' mhux ghaliex il-klijent ma kienx qieghed jhallas id-debiti rizultanti fil-'VISA Card' izda ghaliex il-bank kien iddecieda li jikkonsolida hesrem iz-zewg kontijiet minhabba t-tilwima fuq il-kont tal-'Master Card'. Illi l-ahhar statement li kien ircieva l-konvenut fuq il-'VISA Credit Card' kien fil-15 ta' Settembru 2006 fis-somma dovuta ta' Lm439.03 ta' dak iz-zmien, liema somma skont l-istatement sussegwenti mahrug mill-BOV fis-16 ta' Otttubru 2006, irrizulta li s-socjeta' attrici kienet saldat dak il-kont hija stess. Dan irrizulta minn statement ta' xahar wara l-iehor u ma jidhirlux illi l-bank kien avza lill-klijent li kien ha jaghlaqlu l-kont ghaliex ma ra ebda prova dokumentali in sostenn ta' dan l-agir. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi d-debitu gie konsolidat mis-socjeta' attrici arbitrarjament u l-konvenut ma kienx inghata c-cans li jhallsu indipendentement mill-kont tal-'Master Card' li dwaru kien hemm tilwima. Illi kwalunke' tentattiv min-naha tal-konvenut sabiex ihallas il-parti tas-somma dovuta fuq il-'VISA Credit Card' ma kinetx tkun accettata mis-socjeta' attrici bil-konsegwenza li l-konvenut ghalkemm xtaq isalda dak id-debitu ma hassx illi seta' jsaldah minghajr konsegwenzi . Illi l-ammont dovut mill-konvenut ghad-debitu rizultanti mill-'VISA Credit Card' illum jirrizulta fis-somma ta' €1776.03 u dan l-ammont 'ex admissis' m'huwiex qieghed jigi kkontestat mill-konvenut.*

*It-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta' attrici m'assodatx prima facie t-talba taghha minhabba nuqqas ta' provi. Illi hija naqset milli tipprova li kienet ghamlet investigazzjoni serja fuq ilment serju min-naha tal-klijent taghha billi ma gabitx il-footage tas- CCTV camera mill-bank Taljan, ma talbietx rizultat ta' reconciliation report tal-gurnata, ma staqsietx jekk kienx hemm ilmenti ohra fuq dik il-magna partikolari u ma talbietx rapport dettaljat tal-invesitigazzjoni li ghamel il-bank wara dan l-ilment, jekk fil-fatt qatt saret. Fil-fehma tat-Tribunal dawn kienu jkunu erba' provi konkreti li jikkoroboraw l-allegazzjoni li l-hlas kien fil-fatt sar minn naha tal-magna tal-ATM tal-bank Taljan u l-flus ittiehdu mill-konvenut.*

*Ghar-ragunijet hawn imsemmija, it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprova l-kaz taghha dwar id-debitu ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) izda pprova d-debitu tal-bilanc fuq il-'VISA Card' fis-somma ta' elf seba' mija sitta u sebghin ewro u tliet centezmi (€1776.03) u dan l-ahhar ammont ghandu jithallas lis-socjeta' attrici mill-konvenut filwaqt illi m'huwiex ha jakkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghaliex it-Tribunal huwa sodisfatt li debitu fuq credit card huwa tip ta' self u meta l-kont ma jithallasx mill-klijent fil-hin, il-bank jiccargja l-interessi.*

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qieghed jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici limitatament fis-somma ta' elf seba' mija u sitta u sebghin ewro u tliet centezmi (€1,776.03) bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjez ta' din l-istanza sopportati mis-socjeta' attrici."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici Bank of Valletta plc datat 28 ta' Gunju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Roberto Montalto ghall-appellat, li se jistrieh fuq is-sottomissjonijiet li kien ga ghamel quddiem it-Tribunal. Deher ukoll Dr. Dominic Cassar ghall-Bank appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 10 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appell huwa fis-sens (a) fejn it-Tribunal iddecieda li l-appellant ma gabx provi “serji” sabiex jipprovi t-tezi tieghu li l-flus ingabru fis-27 ta’ Lulju 2005 huwa kien zbaljat ghaliex (i) kienet injorata l-prassi internazzjonali f’kaz ta’ cards li meta jkun hemm *complaint* (li ‘dan il-kaz sar fid-29 ta’ Awwissu 2005) dwar l-istess dan isir fi zmien 120 gurnata issir *chargeback* (li sar fit-30 ta’ Awwissu 2005) u ssir rapprezentazzjoni mal-operatur internazzjonali Mastercard International u f’dan il-kaz bl-intervent tal-istess l-Bank Taljan fejn ingabru l-flus ikkonferma li effettivament t-transazzjonijiet sehhew (xhieda Norbert Galdes) – fis-6 ta’ Dicembru 2005 l-bank appellant informa lill-appellat li kollox kien ritwali u allura il-flus rega ddebita l-kont tal-klijent fl-ammont taz-zewg transazzjonijiet ta’ €1,400 (Dok. “X1” sa “X17” ghall-fini tal-Mastercard; b’hekk saru investigazzjonijiet kif titlob il-prassi mill-bank lokali u ghalkemm il-Bank Taljan ma baghatx *cctv footage* huwa ma kienx obbligat li jaghmel dan; (b) saret ir-rikoncilazzjoni ghaliex il-Bank Taljan ikkonferma li l-flus kienu ingibdu skond kif jirrizulta mid-Dok. “NG 1” sa “NG11” fejn ghaz-zewg transazzjonijiet hemm ghal kull wahda Dok. E70 (*authorisation request*), Dok. E71 (*authorisation confirmation*) u E73 (*transaction without anomaly*) ghall- gbid tal-ammonti rispettivi ta’ €800 u €600 u dwar dan hemm appuntu r-rapporti teknici dwar l-ATM in kwistjoni (Dok. “NG1” sa Dok. “NG 11”; (b) l-appellant isostnu li t-Tribunal stenna li l-Bank igib prova anke superjuri ghal din bhala prova tal-hlas fattwali u ricevuta tal-flus li huma f’dan il-kaz kontra l-prassi internazzjonali – pero’ mill-provi prodotti jirrizulta dokumentat li l-hlasijiet saru, u ghalhekk il-grad ta’ prova rikjest mil-ligi gie sodisfatt mill-istess Bank appellant u dan permezz ta’ xhieda tal-bank u dokumenti li juru l-investigazzjonijiet li saru minn MasterCard International u l-Bank Taljan, li ma gewx b’xi mod kontradetti hlief b’dak li sostna l-appellat, li bl-ebda mod ma giet korroborata anzi

kontradetta proprio bid-Dok. "NG1" sa Dok. "NG 11"; (c) dak allegat mill-appellat li kien hemm "system error" gie kontradett mill-istess dokumenti imsemmija  u f'dan il-kaz f'kaz ta' konflitt ta' provi l-Qorti ghandha taddotta dak li huwa konsistenti u verosimili u dan fil-grad ta' oneru ta' prova f'kawzi civili li huwa dak *"on a balance of probabilities"* jew bilanc ta' probabiltajiet mibni fuq il-preponderanza ta' provi u fejn dan huwa bizzejjed ibbazat ukoll fuq il-kuncett li l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni (**"George Bugeja vs Joseph Meilaq"** (P.A. (TM) – 30 ta' Ottubru 2003); **"Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et"** (P.A. – 25 ta' April 2002); **"Eucharistico Zammit vs Eustrachio Petrococchino nomine"** (A.C. – 25 ta' Frar 1952); (d) f'dan il-kaz kien l-appellat li kellu l-oneru ta' prova li ma thallasx u dan ghaliex huwa ghamel tali allegazzjoni (**"Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa"** (P.A. (PS)– 28 ta' Mejju 2003). L-attur bl-ebda mod ma pprova l-allegazzjoni tieghu jew ittenta jikkorobora dak minnu allegat jew tramite s-*supplier* jew mill-persuna li kienet mieghu meta jghid li t-transazzjonijiet in kwistjoni ma sehhewx – izda dawn qatt ma tressqu; (d) it-Tribunal ma argumentawx sew li kien ghalhekk li l-appellat ma hallasx lanqas il-kont tal-Visa Card, li ammetta li kien dovut ghaliex kien jippregudika l-posizzjoni tieghu, izda ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellat li joffri tali somma ta' flus li huwa ammetta li kienet dovuta u se mai il-Bank jirrifjutaha, u allura l-appellat jiddeposita l-istess somma hekk dovuta taht l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi dan huwa kaz fejn qed jigi attakkat l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal u huwa principju li din il-Qorti affermat diversi drabi li f'dak li huwa apprezzament ta' provi li hija ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti hlief meta jirrizulta li jkun sar zball manifest li jkun pregudika serjament l-andament tal-kawza u kkawza ingustizzja lill-parti lesa **("Fibermar Company Limited vs Christian Camilleri"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2011).

Illi dan huwa kaz fejn it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bir-rispett dovut thoss li Tribunal naqas serjament meta sostna li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova l-

allegazzjonijiet taghha u dan ghaliex sostna b'mod mill-iktar ljev u superficjali li l-investigazzjoni li ghamel l-apellant f'dan il-kaz kien pjuttost dghajjef u dan meta mill-provi jirrizulta li l-Bank mill-ewwel ghamel kuntatt mal-bank Taljan u ma` MasterCard International u rcieva dokumenti mill-Bank Taljan li jikkonsistu f'rapporti teknici tal-ATM minn fejn il-bank qed jallega li ingibdu l-flus li turi li saret *authorisation* request (Dok. “NG 1” - E70) mill-appellat fuq il-kont tieghu sabiex mill-ATM jigbed €800; kien hemm *authorisation confirmation* (Dok. “NG 2” – E71); u kien hemm konforma li tali transazzjoni sehhet (Dok. “NG 4”  - E73) fuq l-istess ammont fuq il-kont tal-Mastercard 5420 7110 0526 8001 li saret f'ATM Catania fis-27 ta' Awwissu 2005 fl-14.52. L-istess gara fit-transazzjoni sussegenti din id-darba ta' €600 fejn hemm *authorisation request* (Dok. “NG 5” - E70); kien hemm *authorisation confirmation* (Dok. “NG 6” – E71); u kien hemm konforma li tali transazzjoni sehhet (Dok. “NG 8”  - E73) fuq l-istess ammont fuq il-kont tal-Mastercard 5420 7110 0526 8001 li saret f'ATM Catania fis-27 ta' Awwissu 2005 fl-14.54 (fol. 93 – 101). Dawn huma l-ahjar prova li l-appellat bl-ebda mod ma rribatta u dan lanqas minimament permezz ta' xi dokumenti kontrarji jew xi xhieda, ghaliex kull ma ressaq bhala prova kienet biss l-allegazzjoni tieghu li ma hallasx, izda certament ma hemm ebda prova, u lanqas tentattiv ta' prova sabiex b'xi mod jikkontradixxi din id-dokumentazzjoni certifikata mibghuta mill-Bank Taljan lill-Bank appellant u li giet ikkonfermata minn Norbert Galdes fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Settembru 2010. Dan kollu ma setax u ma kellux jigi njorat mit-Tribunal, iktar u iktar meta jirrizulta u dan sabiex il-Qorti tuza kliem tal-istess Tribunal, li l-bank ma qaghadx “*fuq il-presunzjoni li glaladarba l-intimat ghamel input fil-makna ATM f'Catania tramite l-Mastercard tieghu, allura kien l-istess intimate li realment ha flus….”*  izda fil-fatt prova li wara tali talba kien hemm process ta' verifika u mbaghad kien hemm konferma li tali flus thallsu kull darba lill-appellat fid-data u fil-hin indikat lill-appellat bil-*credit card* tieghu, li n-numru taghha huwa sew riportat fl-istess dokumenti msemmija li huma l-istess li gew citati fil-kont tal-Bank datat 22 ta' Awwissu 2005 (Dok. “X3” – fol. 41). Mela allura mhux presunzjoni kien hemm izda prova, li l-

appellat kellhu b'xi mod jikkontradixxi izda li certament dan ma ghamlux ghaliex kull ma qal kien li huwa ma thallasx u qal li kien hemm system failure fl-istess ATM, li certament lid-data u il-hin indikati (li ma gewx ikkontestati) ma jirrizultax li kien il-kaz.

Illi dan huwa aktar minn bizzejjed sabiex tigi revokata d-decizjoni appellata, izda jirrizulta wkoll li anke ghal dik li hija kredbilita' li l-appellat mhux biss dan l-ammont ma hallasx izda wkoll l-ammont ta' €1,776.03 moghti lilu fuq il-Visa Card li huwa jammetti li ghandu jaghti dan l-ammont (xhieda 11 ta' Gunju 2010) izda ma jaghti l-ebda raguni ghaliex la offra dan l-ammont u wisq inqas ghaliex ma hallasx dan l-ammont. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellat li jhallas almenu dan l-ammont li huwa ammetta dejjem li rcieva tramite l-uzu tal-Visa Card u ma kien hemm ebda gustifikazzjoni li ma jhallasx dan l-ammont u semmai jikkontesta l-ammont l-iehor bla ma jippregudika l-posizzjoni tieghu fuq l-istess kont. Fuq kollox kien liberu li joffri l-pagament bil-kundizzjonijiet li kien qed isostni u mbaghad sta ghall-bank li jirrispondi ghall-istess. Minn dan ma sar xejn u ghalhekk certament li dan ukoll jimmilita kontra l-appellat.

Illi mhux biss, izda dan kollu ghandu jittiehed fl-isfond tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-appellat li kienu fis-sens li qatt ma gie pattwit ftehim sabiex issir *loan account* bejn il-partijiet stante li l-konvenut qatt ma talab jew ottjena self minghand is-socjeta' attrici – eccezzjoni li giet skartata mill-istess Tribunal meta sostna li l-bank kien ikkonverta dan id-debitu tal-cards *f'loan account* u dan sabiex il-Bank jikkawtela l-kreditu tieghu. Mela allura ma hemmx dubju li tali eccezzjoni ma hijiex valida tant li t-Tribunal laqa' t-talba attrici ghall-ammont migbud fuq il-Visa Card, haga li ma kienx jaghmel kieku l-kawzali attrici ma kienitx tirrizulta lanqas fuq dak l-ammont ta' €1,776.03.

Illi l-eccezzjoni l-ohra hija li fit-tieni lok ma huwa dovut xejn mill-konvenut – eccezzjoni li l-istess konvenut fix-xhieda tieghu smentixxa ghaliex appuntu ammetta li kellu jaghti l-ammont ta' €1,776.03 migbud fuq il-Visa Card. Mela allura lanqas din l-eccezzjoni kif formulata ma tista' tintlaqa'

ghaliex lanqas ghandha mis-sewwa u kontradetta mill-konvenut stess. Dan kollu jwassal sabiex din il-Qorti tilqa' dan l-appell, tirrevoka d-decizjoni appellata, u tilqa' t-talba attrici kif prezentata quddiem it-Tribunal bl-imghax mitlub u bl-ispejjez.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-appell interpost mill-Bank appellant fir-rikors tal-appell tieghu datat 28 ta' Gunju 2011 ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tirrevoka u thassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Bank of Valletta p.l.c. vs Charles Magri" (Avviz Numru 356/09) datata 10 ta' Gunju 2011 b'dan li minflok fil-waqt li tichad ir-risposta tal-appellat quddiem it-Tribunal datata 25 ta' Settembru 2009 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, tilqa' t-talba attrici fl-avviz tat-talba datat 7 ta' Mejju 2009 b'dan li tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici appellanti l-ammont ta' tliet elef mija sitta u sebghin ewro u tliet centezmi (€3,176.03) rapprezentanti debitu fil-*loan account* tal-konvenut Charles Magri mal-Bank of Valleta plc skont dokument anness mat-talba mmarkat bhala Dok A, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' April 2009 sal-jum tal-pagament effettiv bl-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 11 ta' April 2007 (Dok B) u taz-zewg istanzi kontra l-appellat konvenut Charles Magri.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------